# Il-Varjazzjoni Lessikali f'Għawdex: Stħarriġ f'Erba' Lokalitajiet

Studenta:
Maureen Borg

Tutur:
Prof. Michael Spagnol

# Daħla

Mir-riċerka li saret s'issa nafu li l-lingwa tvarja minn lokalità għal oħra fuq diversi livelli, fosthom il-livell fonetiku u fonoloġiku, grammatikali u lessikali. Ix-xogħlijiet li saru fuq id-djaletti Għawdxin ġeneralment jiffukaw fuq lokalità waħda jew tnejn, bħall-istudji fuq aspetti fonetiċi u fonoloġiċi t'Għajnsielem (Grech, 2019) u tan-Nadur u Ta' Sannat (Farrugia, 2016), inkella jaqbdu ma' qasam lessikali partikolari, bħall-ħelu (Rapa, 1995), l-ilbies (Spiteri, 2016), is-sengħa tal-iskarpan (Mejlak, 2017) u tal-ħaddied (Bajada, 2019), bl-eċċezzjoni ta' Attard u Spagnol (2014) li jeżaminaw differenzi lessikali ġenerali fost iż-żgħażagħ. Oħrajn jistudjaw il-qagħda soċjolingwistika f'raħal wieħed, bħax-Xewkija (Cachia, 2015), jew fil-gżira b'mod ġenerali (Cauchi, 2001). Dan l-istudju, li hu parti minn proġett ikbar ta' riċerka fuq id-djaletti tal-Malti, jittratta l-varjazzjoni lessikali mhux f'qasam partikolari. Bħal Attard u Spagnol (2014), imiss ma' oġġetti u kunċetti minn firxa wiesgħa ta' temi, iżda jistħarriġhom fost 320 ruħ, żgħażagħ u anzjani, minn erba' lokalitajiet f'Għawdex: ir-Rabat, ix-Xagħra, ix-Xewkija u ż-Żebbuġ.

## X'inhi l-Varjazzjoni Lingwistika

Kull bidla fil-lingwa għandha l-oriġini tagħha fil-varjazzjoni lingwistika (Holmes, 207). It-terminu 'varjazzjoni lingwistika' jirreferi għall-firxa ta' differenzi possibbli li jinstabu fil-lingwa (Crystal 509). Il-varjazzjoni sseħħ meta strutturi differenti jintużaw biex jesprimu l-istess tifsira (Wardhaugh u Fuller 6). Il-lingwa tvarja u l-ebda lingwa ma hi entità omoġenja (Milroy 3; Borg, *Ilsienna* 1-2). Il-varjazzjoni fil-Malti tinsab f'kull saff tal-lingwa, speċifikament fil-fonetika, il-grammatika u l-lessiku.

### 2.1. Il-Varjazzjoni Fonetika

Il-varjazzjoni li tmiss mal-qasam fonetiku tikkonċerna l-fonemi vokaliċi u konsonantali u l-mod ta' kif nartikulawhom fi kliem u frażijiet partikolari (Robinson, "Phonological variation across the UK"). Abbażi tal-varjazzjoni fonetika, il-kelliema jistgħu jiġu kklassifikati f'żona ġeografika kbira jew saħansitra jistgħu anke jintgħarfu li huma minn żona speċifika (Robinson, "Phonological variation across the UK"). Ngħidu aħna, jekk kelliema Għawdxin ilissnu /k/ flok /ʔ/ ngħidu li aktarx ikunu mix-Xewkija jew mir-Rabat, wara San Franġisk (A. Borg, "Lectal variation" 17).

### 2.2. Il-Varjazzjoni Grammatikali

Il-varjazzjoni fuq livell grammatikali tista' tkun kemm morfoloġika kif ukoll sintattika (A. Borg, *Ilsienna* 5-6). Il-varjazzjoni morfoloġika hi l-varjazzjoni fi ħdan l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-kelma u tikkonċerna l-inflessjoni u d-derivazzjoni tal-kliem (Schallert u Dammel 1; Crystal 523). Pereżempju, il-plural ta' *karozza* huwa *karozzi* fil-varjetà standard, mentri f'xi djaletti, bħal dak ta' Għajnsielem, hu *kroroz* (Grech 12). Min-naħa l-oħra, il-varjazzjoni sintattika hi varjazzjoni fl-istruttura tas-sentenza u tiffoka fuq l-ordni tal-kliem f'sentenzi jew frażijiet (Crystal 523). Borg jippreżenta differenza sintattika li tidher f'xi djaletti f'sentenzi bil-verb *kien* quddiem il-psewdoverb *għad-* ("Lectal variation" 21-22). Waqt li fl-istandard *kien* jinfletti għall-għadd, il-persuna u l-ġens, eż. *kont għadni d-dar* jew *kienet għadha d-dar,* f'xi djaletti *kien* huwa invarjabbli, eż. *kien għadni d-dar* u *kien għadha d-dar* (21-22).

### 2.3. Il-Varjazzjoni Lessikali

L-aktar varjazzjoni ta' interess għalina f'dan l-istudju hi l-varjazzjoni lessikali, jiġifieri l-użu ta' kliem jew frażijiet differenti biex nirreferu għall-istess oġġett jew kunċett (D.

Borg 8). Din id-differenza tista' tiġi osservata billi, fost l-oħrajn, jitqabbel it-taħdit ta' lingwa partikolari f'postijiet differenti u fost gruppi soċjali diversi (Robinson, "Lexical Variation across the UK"). Ħafna drabi varjant lessikali jkun partikolari ta' xi reġjun jew raħal, tant li minn studju lessikali joħorġu għadd ta' kliem djalettali u tispikka d-diversità lessikali (D. Borg 8; Robinson, "Lexical Variation across the UK"). Biex il-varjazzjoni lingwistika tkun preżenti, grupp partikolari tas-soċjetà jrid iżomm il-kliem jew frażijiet użati mill-ġenerazzjoni ta' qabilhom, għax jekk isseħħ il-livellazzjoni, proċess li jelimina l-varjanti mmarkati, il-lingwa titlef ir-rikkezza tal-kliem (Robinson, "Lexical Variation across the UK"; Holmes 212).

Il-varjazzjoni lessikali tikkonsisti f'għadd ta' forom, iżda d-distinzjoni klassika hi bejn il-varjazzjoni semasjoloġika u onomasjoloġika (Geeraerts 78-81). Skont l-ewwel waħda, lessema jista' jkollha aktar minn tifsira waħda, ngħidu aħna *pants* fl-Ingliż tista' tfisser kemm 'qalziet' kif ukoll 'qalziet ta' taħt' (78-81). Min-naħa l-oħra, il-varjazzjoni onomasjoloġika tikkonsisti f'referent li jkollu għadd ta' ismijiet semantikament distinti minn xulxin (78-81). Din tidher fil-lessemi *jeans* u *pants* li, għalkemm mhumiex sinonimi, hemm każijiet fejn iż-żewġ termini japplikaw għall-istess ilbies partikolari.

Barra dawn iż-żewġ tipi klassiċi, Geeraerts iżid it-tielet u r-raba' tip ta' varjazzjoni lessikali (78). It-tielet tip ta' varjazzjoni, skontu, hi l-varjazzjoni formali: meta l-istess tip ta' referent ikollu aktar minn isem wieħed, irrispettivament minn jekk ivarjawx minn punt di vista semantiku jew le (79-80). Eżempju, jagħti kas *pants* u *trousers* li jvarjaw semantikament, imma jagħti kas ukoll *jeans* u *blue jeans* li b'mod ġenerali ma jvarjawx semantikament. Ir-raba' tip ta' varjazzjoni lingwistika hi l-varjazzjoni kuntestwali, li tinvolvi sitwazzjoni fejn il-varjazzjoni tiddependi minn fatturi kuntestwali (78-82). Għall-argument, fl-Ingliż Brittaniku għalkemm *pants* għandha tifsira simili ta' *trousers*, *pants* tintuża f'kuntest inqas formali (78-82).

## Il-Metodu Użat

Kull intervista, li ħadet madwar kwarta, bdiet b'sezzjoni dwar tagħrif ġenerali tal-informanti. Wara din is-sezzjoni, beda l-kwestjonarju propju fejn l-informanti riedu jistqarru x'terminu jużaw biex jirreferu għall-oġġett jew l-azzjoni fl-istampi ppreżentati. Minħabba li dan l-istudju jagħmel parti mill-proġett "MALRP03 Djaletti", il-kwestjonarju

kien diġà fformulat għax kien intuża biex tiġi mistħarrġa l-varjazzjoni lessikali f'lokalitajiet oħra. Għall-prattiċità, minbarra l-kwestjonarju, ir-riċerkaturi ppreparaw ukoll tabella b'sett ta' tweġibiet possibbli għal kull stampa biex l-intervista ssir f'inqas ħin. Din il-karta tat-tweġibiet ma ntwerietx lill-parteċipanti biex ma jiġux influwenzati mit-tweġibiet li konna qed nistennew minnhom. Terġa' u tgħid, l-informanti ġew murija stampi mingħajr kliem biex kemm jista' jkun jużaw il-varjetà djalettali li jħaddnu huma u tiġi evitata t-tendenza li jaqilbu għall-Malti standard xħin jaraw kliem miktub bl-istandard.

Normalment, qabel ma jibdew l-intervisti jsir studju pilota sabiex jiġi aċċertat li l-kwestjonarju ma fihx żbalji u li l-istampi mhumiex ambigwi. Però, f'dan l-istudju ma kienx hemm bżonn studju pilota minħabba li dan kien diġà twettaq minn riċerkaturi oħra fi ħdan il-proġett "Djaletti" qabel bdew l-intervisti propja.

## 3.1 L-Għażla tal-Istampi

F'dan l-istudju, it-48 stampa mhumiex ġejjin minn xi reġistru speċifiku, iżda huma stampi li juru azzjonijiet jew oġġetti komuni fil-ħajja ta' kuljum. Dan għaliex l-għan ta' dan l-istudju hu li nanalizza l-varjazzjoni lessikali f'termini ġenerali u mhux f'qasam wieħed, bħalma sar f'ħafna xogħlijiet lessikali preċedenti. Infatti, l-istampi fil-kwestjonarju huma meħudin minn għadd ta' oqsma bħall-ikel, il-ġisem tal-bniedem, l-oġġetti li nsibu d-dar, l-azzjonijiet u r-reazzjonijiet.

## 3.2. L-Għażla tal-Parteċipanti

Studju soċjolingwistiku jeħtieġ numru sostanzjali ta' parteċipanti. L-analiżi tiegħi hi bbażata fuq ir-riżultati ta' 320 parteċipant/a. 160 anzjan/a ġew intervistati mill-proġett "Djaletti", mentri jien intervistajt 160 żagħżugħ/a f'distribuzzjoni kif jidher fit-tabella 1.

**Tabella 1: L-Għażla tal-Parteċipanti**

| 160 żagħżugħ/a Għawdxin | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 mir-Rabat | | 40 mix-Xagħra | | 40 mix-Xewkija | | 40 miż-Żebbuġ | |
| 20 mara | 20 raġel | 20 mara | 20 raġel | 20 mara | 20 raġel | 20 mara | 20 raġel |

Għal dan l-istudju għażilt li nintervista liż-żgħażagħ għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, biex inkun nista' nqabbel ir-riżultati tiegħi mar-riżultati miksuba mill-proġett "Djaletti" li fl-ewwel fażi tiegħu jiffoka fuq l-anzjani. It-tieni raġuni hi prattika: minħabba li dan l-istudju sar waqt il-pandemija kien aktar prattiku għalija li nintervista liż-żgħażagħ b'mod virtwali. Peress li fil-proġett ġew intervistati 20 anzjan u 20 anzjana minn kull lokalità, jien iddeċidejt li nżomm l-istess numru ta' informanti u intervistajt 40 persuna minn kull lokalità, 20 żagħżugħ u 20 żagħżugħa.

Minħabba li ridt nistħarreġ il-varjazzjoni lessikali b'mod ġenerali, ma kellix bżonn nintervista informanti ġejjin minn xi qasam partikolari. Il-parteċipanti kienu ġejjin minn kull qasam tal-ħajja, minn studenti sa ħaddiema, b'edukazzjoni għolja sa ftit li xejn edukazzjoni, imma lkoll bejn it-18 u d-29 sena ħalli jkun hemm diskrepanza fl-età bejn il-parteċipanti tiegħi u l-anzjani li ġew intervistati fil-kuntest tal-proġett. Intervistajt informanti li twieldu u trabbew f'dik il-lokalità u li għandhom imqar ġenitur wieħed mill-istess lokalità. Kien ideali li l-informanti jkunu qattgħu l-maġġorparti ta' ħajjithom f'din il-lokalità għax il-fattur ġeografiku jista' jinfluwenza l-lessiku użat. Lil hinn minn dawn il-fatturi, l-informanti ntgħażlu b'mod arbitrarju.

## 3.3 L-Għażla tal-Fatturi Soċjolingwistiċi

L-għażla tal-parteċipanti kienet ibbażata fuq tliet fatturi soċjolingwistiċi: is-sess, l-età u l-ġeografija. Il-varjazzjoni fis-sess tidher, ngħidu aħna, meta n-nisa jużaw varjant u l-irġiel jużaw varjant ieħor (Cheshire 425). Skont l-ewwel prinċipju (1) ta' Labov, l-irġiel jużaw aktar forom mhux standard min-nisa (ikkwotat f'Cheshire 425). Barra minn hekk, fil-prinċipju 1a, Labov jistqarr li meta l-bidla tkun minn fuq, in-nisa jippreferu l-forma prestiġjuża aktar mill-irġiel (ikkwotat f'Cheshire 426). Min-naħa l-oħra, fit-tieni prinċipju (2), Labov jiddiskuti li fil-bidla minn isfel, in-nisa aktarx ikunu dawk li jinstigaw il-bidla; in-nisa f'kull grupp ikollhom tendenza jużaw aktar varjanti innovattivi mill-irġiel (ikkwotat f'Cheshire 426; Meyerhoff 24).

L-età hi fattur ieħor li spiss iwassal għal varjazzjoni fil-lingwa. Fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa jkun hemm frekwenza għolja ta' kliem innovattiv, f'kuntrast mal-ġenerazzjoni aktar avvanzata fl-età li tuża ftit li xejn forom li jkunu nħolqu riċentement (Holmes 180; Meyerhoff 14). Skont Holmes, iż-żgħażagħ jużaw inqas forom vernakulari mill-anzjani (180).

Hemm ukoll differenzi fil-lingwa marbutin mal-lokalità jew ir-reġjun tal-kelliema (Holmes 132; Meyerhoff 13). Minħabba l-fattur ġeografiku, ngħidu li diversi lingwi għandhom varjetajiet differenti għax in-nies ta' kull reġjun jitkellmu bil-mod karatteristiku tagħhom.

## X'Ħareġ mir-Riċerka

Mill-analiżi tat-tweġibiet miġbura joħorġu ħames sejbiet ewlenin. L-ewwel sejba hi li hemm ħafna differenzi lessikali fost il-parteċipanti, tant li minn 87.50% tal-istampi ħarġu xi varjanti lessikali. Minkejja li għall-maġġoranza tal-istampi ntqalu żewġ termini jew tlieta, kien hemm ukoll ftit stampi li fihom intużaw erba' varjanti jew ħamsa. Għalkemm okkorrew varjanti differenti, terz ta' dawn l-istampi (33.33%) urew varjazzjoni minima għax dehret preferenza qawwija lejn wieħed mill-varjanti lessikali waqt li l-bqija tat-termini kellhom frekwenza baxxa ta' inqas minn 15%. Tabella 2 turi ftit eżempji.

**Tabella 2: Eżempji ta' stampi b'varjazzjoni minima**

| Stampa | Terminu mifrux | | Terminu b'użu minimu | |
|---|---|---|---|---|
| 11 | borża | 93.79% | pakkett | 4.66% |
| 16 | gejxa | 78.66% | band tax-xagħar<br>hairband<br>headband | 11.59%<br>5.79%<br>3.66% |
| 26 | tomħot | 88.69% | tnaddaf<br>tissoffja | 3.57%<br>2.98% |

Għall-kuntrarju, fil-maġġoranza tal-istampi (66.67%) okkorriet varjazzjoni aktar mifruxa għax żewġ termini jew aktar kellhom użu komuni (ta' aktar minn 15%). Fuq naħa nsibu stampi b'żewġ termini jew aktar popolari ndaqs, b'distakk verament żgħir. Fuq in-naħa l-oħra hemm stampi li, għalkemm għandhom varjazzjoni mifruxa, terminu minnhom jingħata aktar preferenza, kif jidher f'Tabella 3.

#### <u>Tabella 3: Eżempji ta' stampi b'varjazzjoni mifruxa</u>

| Stampa | Termini b'użu komuni | | Termini b'użu minimu | |
|---|---|---|---|---|
| 3 | brown bread<br>ħobż ismar<br>ħobż brown | 40%<br>35.39%<br>18.15% | | |
| 8 | bezzun<br>finger | 58.65%<br>25.93% | panina tal-hot dog<br>baguette<br>hot dog bun | 4.01%<br>3.71%<br>3.08% |
| 21 | mitraħ<br>saqqu | 53.37%<br>46.63% | | |
| 48 | ħabel tal-inxir<br>perċa | 50.15%<br>41.03% | ħabel | 3.95% |

It-tieni sejba tikkonċerna l-varjabbli soċjolingwistiku tas-sess. Kienu biss tliet stampi (6.25%) minn 48 li wrew distakk ta' aktar minn 15% bejn iż-żewġ sessi. Iżda biex nistħarreġ it-tendenzi komuni, tajt kas ukoll ta' differenzi aktar sottili billi osservajt l-istampi (31.25%) li wrew distakk ta' aktar minn 6% iżda inqas minn 15%. Għalhekk nistgħu nikkonkludu li l-fattur tas-sess ma jidhirx li joħloq differenzi qawwija fil-kelma jew il-frażi użata, tant li ma kienx hemm stampa waħda li wriet nuqqas ta' qbil fuq l-aktar terminu ppreferut bejn iż-żewġ sessi.

Xi stampi, sa ċertu punt, jixhdu l-prinċipju 1a ta' William Labov li jgħid li l-forma l-aktar prestiġjuża tkun aktar komuni fin-nisa, kif naraw fi stampa 27. Waqt li l-irġiel ippreferew bi ftit aktar it-terminu assoċjat ma' Għawdex *pinuli,* in-nisa ffavorew kemm kemm aktar it-terminu magħruf f'għadd ta' lokalitajiet Maltin *pinnoli.* Apparti minn dan, numru sostanzjali ta' stampi jixhdu t-tieni prinċipju ta' Labov li jispjega kif l-irġiel għandhom it-tendenza li jkunu xi ftit jew wisq aktar konservattivi min-nisa waqt li n-nisa jużaw iżjed it-termini innovattivi (ikkwotat f'Cheshire 426) fil-Malti, bħall-kliem mill-Ingliż. Ngħidu aħna, waqt li fi stampa 22 in-nisa, kbar u żgħar, ippreferew it-terminu Ingliż *kite,* il-ġuvintur u l-anzjani rġiel użaw aktar it-terminu ta' nisel Semitiku ħamiema.

Mill-varjazzjoni ġenerazzjonali toħroġ it-tielet sejba. Mir-riżultati nistgħu nikkonkludu li l-fattur tal-età jaffettwa l-varjazzjoni lessikali tant li ħalla kemm diskrepanza ta' aktar minn 15% f'37.50% tal-istampi, kif

ukoll deher distakk akbar f'27.08% tal-istampi li rriżulta f'nuqqas ta' qbil fuq l-aktar terminu popolari fost iż-żewġ ġenerazzjonijiet. Numru mdaqqas minn dawn l-istampi jixhdu l-osservazzjoni ta' Janet Holmes li l-anzjani jużaw aktar forom vernakulari miż-żgħażagħ, waqt li dawk iżgħar fl-età jużaw aktar kliem innovattiv (180). Ngħidu aħna, fi stampa 16 iż-żgħażagħ naqqsu l-użu tat-terminu *gejxa*, li hu popolari mal-anzjani, biex daħħlu l-frażi ibrida *band tax-xagħar* u l-kliem kompost mill-Ingliż *hairband* u *headband*.

Irriżulta li xi termini (bħal *pastizz tal-ġobon, borża, moxt, tomħot, pinuri, finger, rolè* u *ċombin*) għadhom popolari ferm fost iż-żgħażagħ Għawdxin, waqt li termini oħrajn (bħal *gejxa, mitraħ, kuda, smontor, perċa, kagħka, fjura* u *ħamiema*) qed jonqsu mill-użu tagħhom fost iż-żgħażagħ. Minkejja li huma forom djalettali, xorta jibqgħu jintqalu miż-żgħażagħ għax, peress li kważi l-Għawdxin kollha jitkellmu bid-djalett, igawdi mill-prestiġju tal-kelliema, għall-kuntrarju tal-Maltin li mhux kollha jħaddnu xi djalett u għalhekk l-istandard huwa meqjus bħala l-varjetà l-għolja (Attard u Spagnol 114-115).

Ir-raba' sejba tikkonċerna l-varjazzjoni ġeografika fl-erba' lokalitajiet Għawdxin. L-ewwel nett, il-varjazzjoni ġeografika mhix minima, tant li 54.17% tal-istampi wrew varjazzjoni ġeografika b'distakk ta' 15%. Fi 12.50% tal-istampi okkorriet varjazzjoni lessikali f'lokalità waħda biss, jiġifieri l-informanti minn lokalità waħda biss użaw termini differenti mill-bqija. Mill-istampi kollha, ma ħarġet l-ebda tweġiba li wriet varjazzjoni lessikali fix-Xagħra biss jew fiż-Żebbuġ biss. Mill-banda l-oħra, kemm ir-Rabat kif ukoll ix-Xewkija dehru jvarjaw mill-bqija tal-lokalitajiet f'xi stampi. Ngħidu aħna, waqt li fir-Rabat, fix-Xagħra u fiż-Żebbuġ kien hemm qbil fuq it-terminu *sausage* fis-sitt stampa, fix-Xewkija ssemma wkoll il-varjant *hot dog*. Fir-Rabat intqalu wkoll xi termini lokalizzati, pereżempju fi stampa 27, kwart tar-Rabtin iddevjaw mit-terminu popolari *pinuri* u semmew il-varjant *pinnoli*. It-tabella 4, li tiġbor dawn l-eżempji, turi b'mod ċar li t-termini lokalizzati tar-Rabat ġejjin mill-Ingliż inkella huma termini użati ħafna Malta.

**Tabella 4: Eżempji ta' stampi li juru termini lokalizzati**

| Stampa | Varjant użat f'lokalità waħda | | Varjant użat fil-bqija tal-lokalitajiet |
|---|---|---|---|
| 6 | hotdog | Ix-Xewkija | sausage |
| 20 | pettne | Ir-Rabat | moxt |
| 27 | pinnoli | Ir-Rabat | pinuri |
| 31 | kagħka | Ir-Rabat | kuda |
| 31 | bun | Ir-Rabat | kuda |
| 38 | ħolqa | Ix-Xewkija | toqba |
| 47 | labra tal-inxir | Ix-Xewkija | ċombin |

Minn 41.67% tal-istampi ħarġet varjazzjoni lessikali f'aktar minn lokalità waħda. Eżempju fis-seba' stampa, il-kelma *pastarda* ntużat miż-żoni kollha, iżda fix-Xewkija u fiż-Żebbuġ issemmiet ukoll *fjura*. Ir-Rabtin u x-Xagħrin irreferew għall-oġġett fi stampa 37 bħala *furfuċetta,* segwita minn *hairpin*. Mill-banda l-oħra, ix-Xewkin u ż-Żebbuġin użaw l-aktar il-varjant lokalizzat *forċina,* segwit minn *hairpin* fiż-żewġ lokalitajiet.

Il-ħames sejba tinvolvi tipi ta' varjazzjonijiet mhux lessikali. Minkejja li l-intervisti twettqu biex jiġu mistħarrġa d-differenzi lessikali, numru ta' stampi wrew eżempji ta' varjazzjoni fonetika u fonoloġika, bħal *__k__agħ__k__a/__q__agħ__q__a, faj__j__ara/faj__l__ar, wada__f__/ wada__b__* u *pinu__r__i/pinu__l__i*. Okkorrew ukoll xi varjanti morfoloġiċi, l-aktar fil-ġens bħal *kappun/kappuna,* jew fl-għadd bħal *qarmeċ/qriemeċ*. Apparti differenzi fl-inflessjoni tal-kelma, dehru wkoll differenzi fid-derivazzjoni tal-kelma, bħall-forom differenti tad-diminuttiv *furfuċ__etta__/furfuċ__ina__*. Minħabba li l-għan ċentrali kien li tiġi mistħarrġa l-varjazzjoni lessikali, il-varjanti tniżżlu b'mod approssimattiv, skont l-ortografija tal-Malti standard, u mhux bl-Alfabett Fonetiku Internazzjonali.

## Għeluq

Minkejja li l-gżira Għawdxija hi żgħira, jinsabu differenzi lessikali bejn lokalità u oħra. Huwa minnu li Għawdex hemm xi varjanti lessikali komuni, iżda dan ma jfissirx li kull lokalità tuża dawn it-termini kollha. Lanqas ma jfisser li ż-żgħażagħ jużaw

l-istess termini li jlissnu l-anzjani jew li n-nisa bilfors jagħmlu użu mill-istess termini li jsemmu l-irġiel. Mir-riżultati miksuba nistgħu nikkonkludu li l-varjabbli soċjolingwistiċi li l-aktar ikkawżaw differenzi lessikali kienu l-età u l-ġeografija, b'kuntrast mal-fattur tas-sess.

## Biblijografija


Attard, Keith, u Michael Spagnol. "Differenzi Lessikali bejn il-Malti u l-Għawdxi." *Leħen il-Malti*, nru 33, 2014, pp. 97-118.

Bajada, Maribel. *Is-Sengħa tal-Ħaddied: Deskrizzjoni u Glossarju*. 2019. L-Università ta' Malta, Teżi tal-B.A. Unuri.

Borg, Albert. *Ilsienna: Studju Grammatikali*. 1988.
———. "Lectal variation in Maltese." V*ariation and Change: The Dynamics of Maltese in Space, Time and Society*, editjat minn Sandro Caruana et al., Akademie Verlag, 2011, pp. 11-31.

Borg, Daniela. *Il-Varjazzjoni fl-Inflessjoni tal-Verb Malti*. 2020. L-Università ta' Malta, Teżi tal-B.A. Unuri.

Cauchi, Mariana. *Studju Soċjolingwistiku tax-Xewkija*. 2015, L-Università ta' Malta, Teżi tal-B.A. https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/12640

Cachia, Carm. "Is-Sitwazzjoni Lingwistika f'Għawdex." *Il-Malti*, vol. 75, nru 1, pp. 54-64.

Cheshire, Jenny. "Sex and Gender in Variationist Research." *The Handbook of Language Variation and Change*, editjat minn J. K. Chambers et al., Blackwell Publishing, 2004, pp. 423-443.

Crystal, David. *A Dictionary of Linguistics and Phonetics*. Is-sitt ed., Blackwell Publishing, 2008.

Farrugia, Ruben. *Aspetti Soċjolingwistiċi tad-Djalett ta' Sannat u s-Sistema Vokalika Tiegħu*. 2010. L-Università ta' Malta, Teżi tal-B.A. Unuri.

Grech, Daphne. *Aspetti Soċjolingwistiċi tad-Djalett t'Għajnsielem u s-Sistema Vokalika Tiegħu*. 2019. L-Università ta' Malta, Teżi tal-B.A. Unuri.

Holmes, Janet. *An Introduction to Sociolinguistics*. Ir-raba' ed., Routledge, 2013.

Mejlak, Daniel. *Is-Sengħa tal-Iskarpan u l-Vokabolarju Tekniku Tagħha*. 2017. L-Università ta' Malta, Teżi tal-B.A. Unuri.

Meyerhoff, Miriam. *Introducing Sociolinguistics*. It-tieni ed., Routledge, 2011.

Milroy, James. *Linguistic Variation and Change: On the Historical Sociolinguistics of English*. Blackwell, 1992.

Rapa, Josette. *Il-Lessiku: Differenzi Djalettali f'Qasam Magħżul*. 1995. L-Università ta' Malta, Teżi tal-B.Ed. Unuri.

Robinson, Jonnie. "Lexical variation across the UK." *British Library,* 24 Apr. 2019, https://www.bl.uk/british-accents-and-dialects/articles/lexical-variation-across-the-uk.

———. "Phonological variation across the UK." *British Library,* 24 Apr. 2019, https://www.bl.uk/british-accents-and-dialects/articles/phonological-variation-across-the-uk.

Schallert, Oliver u Antje Dammel. "Introduction: On the benefits of analyzing morphological variation by linking theory and empirical evidence." *Morphological Variation: Theoretical and empirical perspectives,* editjat minn Antje Dammel u Oliver Schallert, John Benjamins B. V., 2019, pp. 1-26.

Spiteri, Mary. *L-Ilbies: Studju Soċjolingwistiku f'Għawdex*. 2016. L-Università ta' Malta, Teżi tal-B.A. Unuri.

Wardhaugh, Ronald u Janet M. Fuller. *An Introduction to Sociolinguistics*. Is-seba' ed., John Wiley & Sons., 2015.